Eccellenza, onorevoli membri, Monsignur, sinjuri, insellmilkhom u nirringrazjakom tal-prezenza u s-sehem taghkom f'dan is-seminar – " Epilessijja – A Miltidisciplinary Approach"

Nixtieq nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li kienu ta' ghajnuna finanzjarja li bis-sahha taghhom stajna norganizzaw dan is-seminar.

L-iskop pricipali tal-Caritas Malta Epilepsy Association hu li tohloq gharfien dwar l-epileessija ghall publiku ingenerali, kif ukoll biex inservu ta' ghajnuna ghal min ghandu il-kundizzjoni u l-familja tieghu.

Prezenti fostna hawn Newrologi, tobba, nurses, farmakologisti u professjonisti ohra fil-qasam tas-sahha kif ukoll membri ohra tas-socjeta.

Ghal dan is-seminar illum ghandna lil diversi kelliema speccjalizzati f'diversi oqsma ta' l-epillessija. Dan ghandu jghin biex ikun hemm grupp multi dixiplinarju fil-qasam tas-sahha li jahdem biex ikun ta' ghajnuna kbira lejn dawk li ghandhom din il-kundizzjoni.

Ix-xewqa taghha hi li kull min hawn prezenti jsir jaf aktar fuq il-kundizzjoni u kif jimmanigjha biex persuni bl-epilessija jinghataw il-kura u l-ghajnuna kollha possibli biex hajjithom tkun ahjar.

Din il-Konferenza giet organizzata biex ahna nkunu nistaw nilhqu l-iskop principali tal-Assoccjazzjoni taghna. Ahna organizzajna talks f'diversi skejjel u organizzazjonijiet u dan lesti nkomplu naghmluh fil-futur. Ipprintjajna materjal bhal leaflets, diaries u i.d. cards. Dan kollu ghamilnieh biex inxerrdu informazzjoni lill pubbliku general u dan biex ikun ta' ghajnuna ghall kulhadd. Issa ghandi l-pjacir nghid li fl-ahhar ghandna l-Website taghna li fiha ssibu dak kollu li sar u qed isir mill-Caritas Malta Epilepsy Association. Fiha hemm ukoll links ta' mportanza kbira ghal min irid jaghmel xi ricerki. L-indirizz hu www.caritasmalta.org/epilepsy

Nappella lil min minnkom jattendi xi klinici biex tiehdu mil-leaflets li ghandna barra biex dawn ikunu ukoll accessibbli ghan-nies li jattendu dawn il-klinici. L-I.D. Cards u Diaries jistghu jinghataw lil pazzjenti direttament ghax dawn huma ta' siwi kbir ghalihom. Dan ikun qed jghina nilhqu l-iskop principali taghna li hu li nkabbru "l-Gharfien fuq l-Epilessija"

Jien nawgura li kulhadd isib xi haga ta' nteress tul din il-gurnata ghal gid taghkom stess u ghal kull minn ghandu x'jaqsam mal-kundizzjoni.